

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 745/2010

tat-18 ta' Awwissu 2010

li jistabbilixxi limiti massimi baġitarji għall-2010 applikabbli għal ċerti skemi ta' għajjnuna diretta previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 51(2), l-Artikolu 69(3), l-Artikolu 87(3), l-Artikolu 123(1), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 128(1), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 128(2), u l-Artikolu 131(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Għall-Istati Membri li fl-2010 qed jimplementaw l-iskema ta' pagament uniku prevista fit-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, għandhom jiġu stabbiliti l-limiti massimi baġitarji għall-2010 għal kull pagament imsemmi fl-Artikoli 52, 53 u 54 ta' dak ir-Regolament.
- (2) Għall-Istati Membri li fl-2010 qed jużaw l-alternattiva prevista fl-Artikolu 87 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, għandhom jiġu ffixxati l-limiti massimi baġitarji għall-2010 applikabbli għall-pagamenti diretti esklużi mill-iskema ta' pagament uniku.
- (3) Għall-Istati Membri li fl-2010 qed jużaw l-alternattivi previsti fl-Artikoli 69(1) jew 131(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, għandhom jiġu stabbiliti l-limiti massimi baġitarji għall-2010 għall-għajjnuna speċifika msemmija fil-Kapitolu 5 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.
- (4) L-Artikolu 69(4) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jillimita r-risorzi li jistgħu jintużaw għal kwalunkwe miżura akkoppjata prevista fil-punti (i), (ii), (iii) u (iv) tal-Artikolu 68(1)(a) u fl-Artikolu 68(1)(b) u (e) għal 3,5 % tal-limitu massimu nazzjonali msemmi fl-Artikolu 40 tal-istess Regolament. Għal raġunijiet ta' ċarezza, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-limiti massimi li jirriżultaw mill-ammonti nnotifikati mill-Istati Membri għall-miżuri konċernati.
- (5) Skont l-Artikolu 69(6)(a) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, l-ammonti kkalkolati skont l-Artikolu 69(7) ta' dak ir-Regolament ġew stabbiliti fl-Anness III għar-

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1120/2009 tad-29 ta' Ottubru 2009 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku li hemm provvediment dwarha fit-Titolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa <sup>(2)</sup>. Għal raġunijiet ta' ċarezza, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-ammonti nnotifikati mill-Istati Membri u li bi ħsiebhom jużaw skont l-Artikolu 69(6)(a) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

- (6) Għal raġunijiet ta' ċarezza, għandhom jiġu ppubblikati l-limiti massimi baġitarji għall-iskema ta' pagament uniku tal-2010, wara li jitnaqqsu l-limiti massimi stabbiliti għall-pagamenti msemmija fl-Artikoli 52, 53, 54, 68 u 87 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 mill-limiti stipulati fl-Anness VIII għall-istess Regolament. L-ammont li għandu jitnaqqas mill-imsemmi Anness VIII sabiex jiffinanzja l-għajjnuna speċifika prevista fl-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jikkorrispondi għad-differenza bejn l-ammont totali għall-għajjnuna speċifika nnotifikata mill-Istat Membru u l-ammonti nnotifikati għall-finanzjament tal-għajjnuna speċifika skont l-Artikolu 69(6)(a) tal-istess Regolament. Fejn Stat Membru li qed jimplementa l-iskema ta' pagament uniku jiddeċiedi li jagħti l-għajjnuna msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 68(1), l-ammont innotifikat lill-Kummissjoni għandu jiġi inkluż fil-limitu massimu tal-iskema ta' pagament uniku, peress li din l-għajjnuna tiegħu l-forma ta' żieda fil-valur tal-unità u/jew l-għadd ta' intitolamenti għal pagamenti tal-bidwi.
- (7) Għandhom jiġu stabbiliti pakketti finanzjarji annwali skont l-Artikolu 123(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għall-Istati Membri li fl-2010 qed jimplementaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja previst fil-Kapitolu 2 tat-Titolu V ta' dak ir-Regolament.
- (8) Għal raġunijiet ta' ċarezza, għandhom jiġu ppubblikati l-ammonti massimi tal-fondi għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja għall-għotja ta' pagamenti separati għaz-zokkor fl-2010 skont l-Artikolu 126 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, stabbiliti abbażi tan-notifika tagħhom.
- (9) Għal raġunijiet ta' ċarezza, għandhom jiġu ppubblikati l-ammonti massimi tal-fondi għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja għall-għotja ta' pagamenti separati għall-frott u l-ħxejjex fl-2010 skont l-Artikolu 127 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, stabbiliti abbażi tan-notifika tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.

<sup>(2)</sup> ĠU L 316, 2.12.2009, p. 1.

- (10) Għandhom jiġu ppubblikati, għall-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja u abbażi tan-notifika tagħhom, il-limiti massimi baġitarji tal-2010 applikabbli għall-pagamenti tranżizzjonali għall-frott u l-ħxejjex fl-2010 skont l-Artikolu 128(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

1. Il-limiti massimi baġitarji għall-2010 msemija fl-Artikolu 51(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stipulati fl-Anness I għal dan ir-Regolament.
2. Il-limiti massimi baġitarji għall-2010 msemija fl-Artikolu 87(3) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stipulati fl-Anness II għal dan ir-Regolament.
3. Il-limiti massimi baġitarji għall-2010 msemija fl-Artikolu 69(3) u 131(4) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stipulati fl-Anness III għal dan ir-Regolament.
4. Il-limiti massimi baġitarji għall-2010 għall-għajnuna prevista fil-punti (i), (ii), (iii) u (iv) tal-Artikolu 68(1)(a) u fl-Artikolu 68(1)(b) u (e) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stipulati fl-Anness IV għal dan ir-Regolament.
5. L-ammonti li jistgħu jintużaw mill-Istati Membri skont l-Artikolu 69(6)(a) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 biex ikopru

l-għajnuna speċifika prevista fl-Artikolu 68(1) tal-istess Regolament huma stipulati fl-Anness V għal dan ir-Regolament.

6. Il-limiti massimi baġitarji għall-iskema ta' pagament uniku tal-2010 msemija fit-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stipulati fl-Anness VI għal dan ir-Regolament.
7. Il-pakketti finanzjarji annwali għall-2010 msemija fl-Artikolu 123(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stipulati fl-Anness VII għal dan ir-Regolament.
8. L-ammonti massimi ta' fondi għad-dispożizzjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja għall-għotja ta' pagament separat għaz-zokkor fl-2010, kif imsemmi fl-Artikolu 126 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stipulati fl-Anness VIII għal dan ir-Regolament.
9. L-ammonti massimi ta' fondi għad-dispożizzjoni tar-Repubblika Ċeka, tal-Ungerija, tal-Polonja u tas-Slovakkja, għall-għotja ta' pagament separat għall-frott u l-ħxejjex fl-2010, kif imsemmi fl-Artikolu 127 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stipulati fl-Anness IX għal dan ir-Regolament.
10. Il-limiti massimi baġitarji għall-2010 imsemija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 128(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stipulati fl-Anness X għal dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

## ANNEX I

LIMITI MASSIMI BAĠITARJI GĦALL-PAGAMENTI DIRETTI LI JINGĦATAW SKONT L-ARTIKOLI 52, 53 U 54  
TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009

Sena kalendarja 2010

(elf EUR)

	BE	DK	EL	ES	FR	IT	AT	PT	SI	FI	SE
Primjum għan-nagħaġ u l-mogħoż		855						21 892		600	
Primjum supplimentari għan-nagħaġ u l-mogħoż								7 184		200	
Premium tal-baqar li jreddgħu	77 565			261 153	525 622		70 578	78 695			
Primjum addizzjonali għall-baqar li jreddgħu	19 389			26 000			99	9 462			
Primjum speċjali għaċ-ċanga		33 085							8 817		37 446
Primjum għall-qtil, adulti				47 175				8 657			
Primjum għall-qtil, għoġġiela	6 384			560				946			
Tadam – l-Artikolu 54(1)			10 720	28 117	4 017	91 984		16 667			
Frott u ħxejjex minn barra t-tadam – l-Artikolu 54 (2)					43 152	9 700					

ANNEX II

LIMITI MASSIMI BAĠITARJI GĦALL-PAGAMENTI DIRETTI LI GĦANDHOM JINGĦATAW SKONT  
L-ARTIKOLU 87 TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009

Sena kalendarja 2010

(elf EUR)

	Spanja	Franza	L-Italja	Il-Pajjiżi Baxxi	Il-Portugall	Il-Finlandja
— Għajnuna għaż-żrieragħ	10 347	2 310	13 321	726	272	1 150

## ANNEX III

**LIMITI MASSIMI BAĠITARJI GĦALL-GĦAJNUNA SPEĊIFIKA PREVISTA FL-ARTIKOLU 68(1) TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009****Sena kalendarja 2010**

Stat Membru	(elf EUR)
Il-Belġju	6 389
Il-Bulgarija	11 761
Ir-Repubblika Ċeka	31 826
Id-Danimarka	15 800
Il-Ġermanja	2 000
L-Estonja	1 253
L-Irlanda	25 000
Il-Greċja	107 600
Spanja	247 865
Franza	472 600
L-Italja	316 250
Il-Latvja	5 130
L-Ungerija	77 290
Il-Pajjiżi Baxxi	22 020
L-Awstrija	11 900
Il-Polonja	40 800
Il-Portugall	32 411
Ir-Rumanija	25 545
Is-Slovenja	10 237
Is-Slovakkja	8 700
Il-Finlandja	45 140
L-Isvezja	3 434
Ir-Renju Unit	29 800

(\*) L-ammonti notifikati mill-Istati Membri biex tingħata l-għajnuna msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 68(1) li huma inklużi fil-limitu massimu tal-iskema ta' pagament uniku.

Il-Greċja: 30 000 elf EUR

Is-Slovenja: 4 200 elf EUR

## ANNEX IV

**IL-LIMITI MASSIMI BAĠITARJI GĦALL-GĦAJNUNA PREVISTA FIL-PUNTI (i), (ii), (iii) U (iv) TAL-ARTIKOLU 68(1)(a) U L-ARTIKOLU 68(1)(b) U (e) TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009****Sena kalendarja 2010**

Stat Membru	(elf EUR)
Il-Belġju	6 389
Il-Bulgarija	11 761
Ir-Repubblika Ċeka	31 826
Id-Danimarka	4 300
Il-Ġermanja	2 000
L-Estonja	1 253
L-Irlanda	25 000
Il-Greċja	77 600
Spanja	178 265
Franza	232 600
L-Italja	147 250
Il-Latvja	5 130
L-Ungerija	46 164
Il-Pajjiżi Baxxi	15 000
L-Awstrija	11 900
Il-Polonja	40 800
Il-Portugall	19 510
Ir-Rumanija	25 545
Is-Slovenja	6 037
Is-Slovakkja	8 700
Il-Finlandja	45 140
L-Isvezja	3 434
Ir-Renju Unit	29 800

## ANNEX V

L-AMMONTI LI SER JINTUŻAW MILL-ISTATI MEMBRI SKONT L-ARTIKOLU 69(6)(a) TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009 BIEŻ IKOPRU L-GĦAJNUNA SPEĊIFIKA PREVISTA FL-ARTIKOLU 68(1) TA' DAK IR-REGOLAMENT

## Sena kalendarja 2010

Stat Membru	(elf EUR)
Il-Belġju	6 389
Id-Danimarka	15 800
L-Irlanda	23 900
Il-Greċja	70 000
Spanja	144 200
Franza	90 000
L-Italja	144 900
Il-Pajjiżi Baxxi	22 020
L-Awstrija	11 900
Il-Portugall	21 700
Is-Slovenja	4 200
Il-Finlandja	4 762

## ANNEX VI

## LIMITI BAĠITARJI GĦALL-ISKEMA TA' PAGAMENT UNIKU

Sena kalendarja 2010

Stat Membru	(elf EUR)
Il-Belġju	508 479
Id-Danimarka	997 381
Il-Ġermanja	5 769 981
L-Irlanda	1 339 421
Il-Greċja	2 210 268
Spanja	4 642 028
Franza	7 465 495
L-Italja	3 924 520
Il-Lussemburgu	37 569
Malta	4 231
Il-Pajjiżi Baxxi	852 443
L-Awstrija	676 667
Il-Portugall	435 325
Is-Slovenja	92 740
Il-Finlandja	523 192
L-Isvezja	724 349
Ir-Renju Unit	3 946 625



## ANNEX VII

## PAKKETTI FINANZJARJI ANNWALI GĦALL-ISKEMA TA' PAGAMENT UNIKU SKONT L-ERJA

Sena kalendarja 2010

Stat Membru	(elf EUR)
Il-Bulgarija	326 671
Ir-Repubblika Ċeka	581 177
L-Estonja	70 531
Ċipru	34 898
Il-Latvja	95 653
Il-Litwanja	262 311
L-Ungerija	831 578
Il-Polonja	1 994 196
Ir-Rumanija	700 424
Is-Slovakkja	268 304

## ANNEX VIII

L-AMMONTI MASSIMI TA' FONDI DISPONIBBLI GĦALL-ISTATI MEMBRI GĦALL-GĦOTJA TAL-PAGAMENTI SEPARATI GĦAZ-ZOKKOR IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 126 TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009

Sena kalendarja 2010

Stat Membru	(elf EUR)
Ir-Repubblika Ċeka	44 245
Il-Latvja	4 962
Il-Litwanja	10 260
L-Ungerija	41 010
Il-Polonja	159 392
Ir-Rumanija	4 041
Is-Slovakkja	8 856

## ANNEX IX

**L-AMMONTI MASSIMI TA' FONDI DISPONIBBLI GĦALL-ISTATI MEMBRI GĦALL-GĦOTJA TAL-PAGAMENTI SEPARATI GĦALL-FROTT U L-ĦXEJJEX IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 127 TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009**

**Sena kalendarja 2010**

Stat Membru	(elf EUR)
Ir-Repubblika Ċeka	414
L-Ungerija	4 756
Il-Polonja	6 715
Is-Slovakkja	690

## ANNEX X

**IL-LIMITI MASSIMI BAĠITARJI GĦALL-PAGAMENTI TRANŻIZZJONALI FIS-SETTUR TAL-FROTT U L-ĦXEJJEX IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 128 TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009**

**Sena kalendarja 2010**

Stat Membru	(elf EUR)		
	Ċipru	Ir-Rumanija	Is-Slovakkja
Tadam – l-Artikolu 128(1)		869	335
Frott u ħxejjex minn barra t-tadam – l-Artikolu 128(2)	4 478		